MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Numru 1064/2004

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Raphael Muscat, iben Paul,
imwieled Pieta’ fl-24 ta’ frar,
1964

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’Bormla fit-8 ta’ diċembru, 2004 għal ħabta tal-2.45 p.m. –
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;
2. fl-istess data, lok u ħin ħebb, insulenta, offends hedded bi kliem lill-PC1496 Godwin Farrugia, PC830 Christopher Debono u PC192 ramon Godano persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu

dan is-servizz, bil-ħsieb li jbezzagħhom jew jinflwixxi fuqhom kkontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. ma obdiex l-ordnijiet le]ittimi tal-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixkilhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;
4. volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe’ żewġ flokkijiet li jagħmlu parti mill-uniformi tal-pulizija għad-detriment tal-korp tal-pulizija;
5. bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuni akkuża lil diversi uffiċjali tal-pulizija quddiem awtorita’ kompetenti, b’reat fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni kienu nnoċenti;
6. iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat, b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
7. volontarjament fl-istess ċirkostanżi, b’xi mod li jkun, kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubblħiku b’għajjat u dagħa.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta’ ta’ PC1496 Godwin Farrugia, PC830 Christopher Debono u PC192 Ramon Godano u membri tal-familja tagħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-9 ta’ diċembru, 2004 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ jannar, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 338(dd)(ee), 325(1)(d), 101 u 110 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300). Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------